MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2015

Numru. 120/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Abdifatah Mohamed Abdi**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Abdifatah Mohamed Abdi ta' 20 sena bin Mohamed Abdi u Zeynab Farah, imwieled gewwa s-Somalia, nhar l-01 ta' Marzu, 1994, residenti gewwa fond numru 121, Triq

l-Arkata, Rahal Gdid u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru **83393(A)**, gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Jannar, 2015, ghall-habta tal-10.10 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' tal-Marsa :

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' WPC 94 Claire-Doreen Casha u WPC 89 Maria-Carmela Spiteri, persuni inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti, **u dan bi ksur tal-Artiklu 96(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;**

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' WPC 94 Claire-Doreen Casha u WPC 89 Maria-Carmela Spiteri, persuni nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, **u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;**

3. u aktar talli il-hsieb li tikkaguna hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GVP-266, propjeta' tal-Gvern ta' Malta, wrejt dan il-hsieb billi b'atti esterni tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi volontarjament waddabt gebel fid-direzzjoni tal-imsemmija vettura, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghek, **u dan bi ksur tal-Artikli 41(1) (a), u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallejthomx jew fixkilthom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, **u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta;**

5. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied**, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta;**

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu nhar it-13 ta' Marzu, 2014 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magt. Dr. Carol Peralta LL.D), liema senetnza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula, **u dan bi ksur ta' l-Artiklu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.**

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat u l-atti processwali, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali ta` l-imputat, li turi li l-imputat gia habat difru mal-Gustizzja, u l-ammissjoni bikrija tieghu li ser tinghata l-piz mehtieg fil-kontemplazzjoni tal-piena.

**Konkluzjoni**;

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 41(1)(a), 95, 96(a), 325(b), 338(dd), 338(ee) u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil **Abdifatah Mohamed Abdi** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u **tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' sena u multa ta` erbat elef Euro (€4000). In oltre, qed tordna li l-piena ta` sena prigunerija, imposta bis-sentenza tat-13 ta` Marzu 2014 (Mag. Dr. Carol Peralta, No.38/2014), tidhol fis-sehh skond il-ligi.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------